# MISTOQSIJIET FREKWENTI TAL-KLIJENTI

### *Għaliex l-emails tal-BOV ikunu kriptati?*

Meta impjegat tal-BOV jibgħat email li jkun fiha informazzjoni sensittiva bħal Informazzjoni li minnha tista' tiġi identifikat (PII) jew Data dwar il-Kard (CHD), l-email tiġi kriptata. Dan isir biex jipproteġi lilek u l-informazzjoni tiegħek.

### *X'inhu l-iskop tas-software ta' kriptaġġ?*

Aħna nużaw software ta' kriptaġġ tal-fajls biex nipprevjenu aċċess mhux awtorizzat għal data sensittiva.

### *Irċevejt email mingħand il-BOV bħala email regolari - ma kinitx kriptata. Normalment kont nirċievi l-emails kollha mill-Bank kriptati. Xi nbidel?*

Abbażi tal-feedback tal-klijenti, il-Bank reċentement biddel il-mezz tiegħu ta' kriptaġġ Voltage SecureMail b'mezz ġdid ta' kriptaġġ tal-Microsoft. Il-mezz il-ġdid joffri l-istess livell ta' sigurtà u serħan tal-moħħ bħall-Voltage iżda huwa aktar sempliċi u ħafna aktar faċli biex tużah. B'dan il-mod, issa nistgħu nikkriptaw biss dawk l-emails li jeħtieġu sigurtà akbar peress li jkun fihom informazzjoni sensittiva bħan-numru tal-karta tal-identità tiegħek jew in-numru tal-kard ta' debitu/kreditu. Jekk l-email ma jkunx fiha informazzjoni sensittiva, allura se tirċievi email regolari mill-Bank.

Biex issir taf kif taċċessa emails kriptati mill-Bank, ikklikkja hawn.

### *L-emails kollha tal-BOV huma kriptati?*

Le. L-emails biss meqjusa li fihom informazzjoni sensittiva huma kriptati. Dan isir sabiex inżommu l-mezzi ta' komunikazzjoni tagħna sempliċi biex jintużaw, iżda siguri meta jkun meħtieġ.

### *Huwa diffiċli biex tara email kriptata tal-BOV?*

Lanqas xejn. Biex tara emails kriptati tal-BOV, tista' jew titlob passcode ta' darba jew tiftaħ il-messaġġ billi tuża d-dettalji tal-kont tal-Google tiegħek. Għal gwida pass pass dwar kif taċċessa emails kriptati mill-Bank, ikklikkja hawn.

### *Jien nuża programm tal-Microsoft biex naqra l-emails tiegħi. Kif se jaħdem il-kriptaġġ?*

Jekk tuża servizz tal-Microsoft biex taqra l-emails tiegħek, se tkun tista' taqra l-emails kriptati tal-BOV bla xkiel, bħallikieku mhumiex kriptati.

### *Il-programm ta' kriptaġġ jirrikonoxxi l-attachments bħala data sensittiva?*

Iva il-programm ta' kriptaġġ jirrikonoxxi l-attachments sakemm ma jkunux PDFs jew stampi jew ritratti (jpegs). F'dawn il-każijiet, ma jkunx possibbli li programm jaqra dawn id-dokumenti.

### *X'jiġi kklassifikat bħala Informazzjoni li tista' tidentifikak(PII)?*

Din tirreferi għal kwalunkwe informazzjoni li tista' tidentifika persuna b'mod inekwivoku. Tali informazzjoni tinkludi:

- Isem sħiħ
- Indirizz tad-dar
- Email
- Numru tal-ID jew numru tal-passaport

### *X'jiġi kkunsidrat bħala Data dwar il-Kard (CHD)?*

Id-Data dwar il-Kard tirreferi għal kwalunkwe informazzjoni li tinsab fuq il-kard tal-klijent. Id-data tinkludi n-numru tal-kard u d-data ta' skadenza.

### *Kif niżgura li l-email li rċevejt tkun tassew mill-Bank of Valletta?*

Hemm xi passi sempliċi li tista' tieħu biex tiżgura li l-email tkun awtentika, pereżempju:

- iċċekkja li l-indirizz tal-email ta' min jibgħatha jispiċċa '@bov.com'.
- staqsi lilek innifsek mistoqsijiet bħal... "jagħmel sens li rċevejt din l-email mingħand il-BOV?"

Meta jkollok dubju, dejjem ivverifika mal-Bank.

### *Il-kriptaġġ jaħdem bl-istess mod fuq desktop, tablet jew mobile?*

Iva, l-esperjenza tiegħek biex taċċessa l-emails tal-BOV se tkun l-istess, irrispettivament mill-apparat li tkun qed tuża.

### *Għandi bżonn nibgħat informazzjoni sensittiva, bħan-numru tal-kard tiegħi bl-email lill-Bank. Dak il-messaġġ bl-email se jkun kriptat?*

Le, l-email mhux se tkun awtomatikament protetta peress li huwa biss min jibgħat l-emails li jista' juża l-kriptaġġ. Għalhekk, huwa f'idejk bħala l-persuna li qed tibgħat l-email li tiżgura li tipproteġi l-informazzjoni li qed tibgħat lill-Bank, jekk tqis li dan ikun meħtieġ.

### *Kemm hu sigur il-mezz il-ġdid ta' kriptaġġ?*

Il-kriptaġġ tal-emails tal-Microsoft juża l-aħħar standards ta' sigurtà biex jipproteġi l-informazzjoni tiegħek. Din it-teknoloġija tinżamm ukoll aġġornata skont il-bidliet fit-teknoloġija biex iżżomm il-pass mat-theddid u l-vulnerabbiltajiet magħrufa li jistgħu jinqalgħu.